# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **4** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 7 ta' Mejju 2013 fil-6.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

### ***Aġenda***

1. Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 2 u 3.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Laqgħa mal-Perit u l-iżviluppatur tal-Kiosk fil-Bajja San Tumas PA/00722/13.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 2(1) tal-11 ta' April 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

1.2 **Laqgħa Nru 3(1) tal-25 ta' April 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 2 Astensjonijiet dan minħabba li kienu assenti għal din il-laqgħa.**

**Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

**Laqgħa Nru 2(1) tal-11 ta' April 2013:**

2.1 Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera rigward punt #3.2 illi kien ltaqgħa ma' din il-persuna fejn hi ssuġeriet li jsiru tabelli jew storm alarms minħabba l-ħsara li ssir fil-vetturi hu spjegala illi peress illi dan hu fenomenu u jsir rari ħafna allura ma hemmx bżonn li nagħmlu dawn it-tabelli jew inkella alarms.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera rigward punt #3.3 fejn hu kien kellem lis-Surmast u infurmah illi l-arbli li jinsabu fil-grawnd tal-futbol ma jaqgħux taħt ir-responsabbilita` tal-Kunsill. Min naħa tiegħu, is-Surmast ikkonferma illi din hija responsabbilita` tal-iskola u ser jikkomunika mall-kuntrattur ikkonċernat.

2.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward punt #3.5 fejn qal illi minkejja is-Sur Salerno bagħat xi email dispreġġativi huwa fehem illi dan it-tip ta' residential parking ma jistax isir infatti ir-refera għall-Kunsill ta' Sliema fejn dawn kellhom l-iskema ta' residential parking li ġiet mwaqqfa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li għandna nweġbuh lura.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega lill-Kunsilliera rigward punt #3.6 fejn qal hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ma' l-iskrivana s-Sinjura Sharon Schembri u mal-Enforcement Officer tal-MEPA marru jduru is-siti kollha vojta li għadhom bla ċint u kompla jgħid illi meta marru fuq dan is-sit inkwistjoni ta' Triq Salvu Buhagiar quddiem il-Littles Supermarket, l-enforcement officer stqarr illi ma basarx illi din l-art hi daqshekk kbira. Hu żied jgħid illi anke kien hemm xi residenti li ħarġu jitkellmu magħhom.

2.5 Is-Sindku tkellem rigward punt #3.10 fejn tkellem rigward il-problema ta' parkeġġ li qed tiġi ikkawżata minħabba l-ftuħ tal-*family park* u qal illi l-continuos lines li kien hemm fi Triq il-Gemmugħa issa saru parkeġġi u b'hekk iggwadanjajna aktar spazju.

2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud spjega lill-Kunsilliera rigward punt #4.6 fejn qal illi l-latrini pubbliċi qed idumu aktar miftuħin.

2.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem rigward punt #3.18 u qal illi ma jidirlux illi saret xi tip ta' tisqija ta' dan il-ħawt għaliex hemm nixfa kbira.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu diġa ikkuntatja lill-Kuntrattur ELC rigward dan, b'hekk is-suġerixxa illi nibgħatu bil-miktub lill- Dr Cuschieri dwar din ir-rikjesta tagħna.

2.8 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

**Laqgħa Nru 3(1) tal-25 ta' April 2013:**

Ma kien hemm l-ebda punt li ħareġ minn dawn il-minuti

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Korrispondenza mic-Chairman il-ġdid tal-MEPA (35/1552/13/I):**

Is-Sindku beda billi qal illi il-Perit Vincent Cassar qiegħed joffri illi jiltaqa magħna bħala c-Chairman ġdid tal-MEPA, għandna nikkomunikaw mas-Sinjura Yvonne Muscat sabiex nirranġaw data sabiex niltaqgħu u nitkellmu rigward l-problemi li jeżistu ġewwa Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi importanti li naraw l-items kollha li għandna nitkellmu dwarhom, waħda minnhom hi dik tal-magħluq.

Is-Sindku qal illi hu ltaqa ma' rappreżentanti tan-Natura 2000 rigward dan is-suġġett.

IL-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex jiġi nfurmat meta tkun ser issir il-laqgħa minħħabba li ~~hu jaqa taħt is-sotto kumitat tal-Wirt Storiku.~~ dan is-sit jaqa taħt ir-responsabilita' tiegħu

Is-Sindku qal illi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser jiġu rappreżentanti ~~mill-AIS~~ sabiex jagħtu *powerpoint presentation* rigward il-magħluq.

3.2 **Il-Problema ta' dgħajjes li hemm fi Triq Santa Tereża u fuq is-simenta li hemm quddiem il-Knisja:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk id-dgħajjes li hemm fi Triq Santa Tereża humiex ser jitneħħew minn hemm għaliex qegħdin jieħdu ħafna spazju tal-parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud spjega illi xi għaxar snin ilu kien sar ftehim mall-Għaqda baħħara u Sajjieda għaliex kien hemm problema fejn setgħu jitpoġġew id-dgħajjes f'Marsaskala b'hekk intlahaq ftehim sabiex jinħolqu tlett areas, area A fuq is-simenta quddiem il-knisja area B quddiem il-winċ ~~u area C fi Triq Santa Tereża~~, pero ġara illi kien hemm min ma laħaqx post f'dawn it-~~tlett~~ żewġ areas allura kienu bdew itellghawhom fi Triq Santa Tereża.

Is-Sindku qal illi llum il-ġurnata ħafna minn dawn li qed itellgħu d-dgħajjes fi Triq Santa Tereza mhumiex Skalin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ħafna nies qed ipoġġu d-dgħajjes fuq is-simenta għaliex isibuha aktar faċli biex jipparkjaw hemmhekk.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-akbar problema tinsab quddiem il-knisja għaliex hemmhekk qed itellgħu dgħajjes kbar ħafna.

Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jaqbel għandna npoġġu n-notices mad-dgħajjes il-kbar li hemm f'Area A u B u b'hekk nirbħu madwar 30 parkeġġ tal-karozzi.

Il-Kunsill qabel unanimament li nwaħħlu dawn in-notices.

3.3 **Korrispondenza mill-MEPA (Matthew Yeomans) li tikkonċerna talba għal spazju sabiex tkun tista titqiegħed stazzjoni li jagħmel monitoring ta' radioactive isotopes (35/1509/13/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar beda billi qal li fl-opinjoni tiegħu l-aktar post addatat għal din l-airstation hija fl-area li tinsab fil-magħluq wara l-grada tal-papri għaliex huwa post moħbi u b'hekk din l-air station ma tkunx ta' eyesore. Hu qal li bħalhom hemm ukoll f'Marsaxlokk u fiż-Żejtun. Huwa żied jgħid illi peress li din l-area taqa taħt il-MEPA ma jkunx hemm bżonn ta' kirja għal dan il-post.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġġeriment u niktbu lill-MEPA.

3.4 **Korrispondenza mingħand is-Sur Mark Causon (35/1431/13/I):**

Is-Sindku qal illi din il-komunikazzjoni għandha tiġi irtirata għaliex is-Sur Causon stqarr li kien hemm nuqqas ta' ftehim.

3.5 **Korrispondenza mill-Għaqda flimkien inħarsu fejn ngħixu (35/1397/13):**

Is-Sindku beda billi qara din il-korrispondenza, fejn hi tgħid illi l-Kunsill rċieva korrispondenza mill-MEPA fejn kellna 21 ġurnata sabiex aħna nappellaw pero l-kunsill m'għamilx dan minħabba l-fatt illi normalment l-appell sar dejjem min naħa tal-kumitat pero il-Kunsill ma kienx jaf illi din l-ittra ma gietx mibgħuta lilhom b'hekk skada iż-żmien ta' l-appell, il-Kumitat qal ukoll f'din il-komunikazzjoni illi fil-preżent il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ma jistgħax jisottometti l-appell f'ismu u għaldaqstant huma qed jitolbu lill-Kunsill ta' Marsaskala sabiex ikopru l-ispjejjes ta' l-avukat kemm jekk hu tal-Kunsill u kemm jekk hu ngaġġat min naħa tagħhom, ħalli bħala kumitat ikunu jistgħu jisottomettu l-appell min naħa taghhom.

Is-Sindku qal li kien hemm żmien fejn kien hemm raġunijiet validi min naħa tar-residenti kontra dan l-impjant pero issa jħoss li la darba l-Kunsill ħatar Air quality specialist sabiex jagħmel parti mill-Bord tal-Wasteserv li jiltaqgħu darba kull 6 ġimgħat sabiex jaraw x'ilmenti li daħlu ġewwa l-Kunsill rigward irwejjaħ u ilmenti oħra li huma minimi minbarra ilment wieħed mingħand resident li qed jgħid li qed ixomm riħa qawwija ta ħruq u ħsejjes li għalkemm saru testijiet ma rriżultax min fejn qed jiġu. Is-Sindku kompla jgħid illi sar dan iserraħ ras ir-residenti li ma hemm l-ebda periklu u lanqas irwejjaħ tossiċi, b'hekk hu jħoss li m'għadniex għalfejn nidħlu għal dan l-appell.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk b'dan l-appell ikunx qed ifisser illi dan l-impjant jitwaqqa u jerġgħa jinbena, kompliet tgħid illi tixtieq li niltaqgħu ma' dan il-kumitat sabiex nitkellmu magħhom u xtaqet tkun taf li jekk il-kawża li nfetħet 7 snin ilu fuq dan l-impjant għadiex l-istess illum il-ġurnata jekk inkella inbidlux xi punti minn din il-kawża.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri stqarr illi jinkwetaħ dan l-individwu illi qed jilmenta bl-irwejjaħ ta' ħruq u ħsejjes.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi Triq Wied iz-Ziju ħdejn il-Villa ta' Grima jkun hemm irwejjaħ insapportabli l-aktar fis-sajf. Hu kompla jgħid li l-airquality specialist kellu jgħaddilna rapport ta' kull erba xhur rigward dan l-impjant u dawn baqgħu ma sarux b'mod regolari.

Hu kompla jgħid illi dawn ir-rapporti għandhom isiru u jiġu ppreżentati lill-Kunsill kif kien miftijem.

Is-Sindku issuġerixxa illi nistiednu lill-Dr Joseph Buhagiar l-air quality specialist għal-laqgħa li jmiss u miegħu iġib ukoll dawn ir-rapporti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu jaqbel illi r-rapporti jittieħdu kull ġurnata u mhux ċertu ġranet matul il-ġimgħa sabiex l-ittestjar ta' l-arja ikun aktar korrett.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hemm bżonn isiru laqgħat biex b'hekk ikun jista jifhem aħjar dawn ir-rapporti u jekk Dr Buhagiar ma jkunx jistgħa jattendi l-laqgħat tal-Kunsill allura jiltaqgħu miegħu fi ġranet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa xinbidel fil-prinċipju biex din il-kawża taqa.

Is-Sindku irrispondha illi ma jafx kemm jista jkun illi dan l-impjant jitwaqqa u jerġa jinbena u la darba m'għadx hemm dubji fuq dan l-impjant jħoss li l-Kunsill se jkun qed jaħli l-ħin u r-riżorsi.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet li taqbel li jiltaqgħu ma' l-Kumitat sabiex ituna punti validi.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qabel mas-Sindku pero ma jsibx oġġezzjoni li niltaqgħu magħhom.

Is-Sindku kompla jgħid li għalih din il-kawża m'għadniex validita pero ser issir l-laqgħa li jmiss ma l-Air quality specialist ġewwa l-Wateserv fis- 16 ta' Mejju u wara jiġu l-Kunsill sabiex jiltaqgħu mall-Kunsilliera u jagħmlu laqgħa magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwelnett għandha ssir laqgħa ma' l-Air Quality Specialist umbagħad naraw minn hemm.

✦ ***Is-Sindku talab is-sospenzjoni tar-regolamenti biex hekk kif kienu waslu n-nies kollha ikkonċernati jibda jiġi distuss is-suġġett ta' l-applikazzjoni li saret fuq kjosk fil-Bajja ta' San Tumas.***

5.0 ***Laqgħa mal-Perit u l-iżviluppatur tal-Kiosk fil-Bajja San Tumas PA/00722/13***

Il-Perit Daniel Grima ppreżenta l-pjanti l-ġodda ta' kif inhu propost il-kiosk fil-bajja San Tumas.

Il-Kunsilliera bdew jaraw il-pjanti u saret diskussjoni mal-Perit is-Sur Daniel Grima.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi xtaq li ssir preżentazzjoni sabiex jifhmu aħjar.

Il-Perit Grima spjega kif fil-preżent hemm kiosk, showers, toilet u stores u żied jgħid li l-istores ser jinbidlu f'toilet għal persuni diżabli u ser jiġu mnaddfa mill-istess sid tal-kiosk għal spejjes tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsieh jekk dawn it-toilets humiex ħa jkunu pubbliċi.

Il-Perit ikkonferma illi ser ikunu miftuhin għal-kulħadd.

Hu kompla jgħid illi taħt il-kiosk hemm reservoir li fil-preżent qed jintuża ukoll bħala stores li qed jiġi proponut li jinbidel għall-*preperation room* għall-ikel u parti minnu tibqa store.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsih jekk jeżistix xi *lease agreement* mal-lands department dwar l-art inkwistjoni u jekk il-lands department humiex infurmati bit- tibdiliet proponuti kif ukoll l-applikazzjoni sottomessa minnhom lil MEPA.

L-applikant ikkonferma li jeżisti arranġament mal-Lands Department.

L-applikant qal illi ser issir ukoll canopy minflok l-umbrellel eżistenti fejn din ser tkun inqas sgombranti.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa sa fejn ser tkun qed twassal il-canope.

Il-Propjetarju qallu li ser tibda min fuq il-ħanut u tibqa għaddejja għal fuq it-toilets kompla jgħid li ser tkun għoli ta 1mtr 20 il fuq mill-kiosk.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet għaliex irid jogħla il-fuq mill-kiosk

Il-Propjetarju qal illi dan ser issir sabiex jgħatti is-saqaf tal-kiosk.

Is-Sindku qal li importanti ħafna illi ma jingħalqux il-veduti t' terzi persuni oħra.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet x'tip ta canopy ser tintuża jekk hux magħluqa.

Il-Perit Grima qal illi mhux ħa jagħlaq in-nies imma ser tkun miftuħa.

Il-Perit is-Sur Aaron Abela qal illi m'għandniex nidħlu fl-istruttura ta' din il-canopy għaliex din għandha tkun f'idejn il-Perit Grima pero nistgħu nagħmlu klawżola li tgħid li trid tkun sa massimu ta 3 metri għoli.

Is-Sindku qal illi jaqbel li jsiru pjanti ġodda minn naħa tal-Perit Grima u jiġu imdaħħla ukoll il-bankijiet u s-simenta biex tkun tinftiehem aħjar kif ukoll issir laqgħa fuq il-post, hu kompla jgħid illi għandha issir laqgħa b'urġenza tal-Kunsill sabiex jiġu diskussi akar fid-dettal hekk kif ikollhom pjanti aktar dettaljati.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.7 **<u>Monument ġdid mill-Kunsill Lokali (35/1925/13/I):</u>**

Il-Perit is-Sur Aaron Abela spjega l-pjanti konnessi ma' dan il-monument li hu propost fi Triq is-Salini u qal illi dan ser jinvolvi fih bollards u katini, kompla jgħid illi hu ta' l-opinjoni illi fil-parti t'isfel ta' dan il-monument jintuża iċ-ċagħaq sabiex inżommu mat-tema li għandha x'taqsam mall-baħar.

Is-Sindku qal illi it-target date għal dan il-monument biex jitlesta hija fit- 18 ta' Mejju 2013.

Kien hemm qbil unanimu li jsir dan il-monument.

3.8 **<u>Bini tal-Kunsill:</u>**

Il-Perit is-Sur Aaron Abela qal illi sabiex il-bini tal-Kunsill jitlesta f'dawn it-tlett snin huwa importanti li nibdew naħdmu min issa.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.9 **<u>Stimi għax-xiri ta' compactor :</u>**

Ġew preżentati tlett kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill sabiex jinxtara compactor.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara mingħand PTR u l-mutur għandu jkun 4 stroke u dan peress li Pawlu tar-Rabat kien l-unika wieħed li offra garanzija ta' sentejn.

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Pawlu tar-Rabat | €2,200.00 |
| 2. | Bonnici Stores | Opt 1 €2,725.80 |
| | | Opt 2 €2,837.90 |
| 3. | Gaetano Caruana Ltd | €2,300.00 |

3.10 **Stima għax-xiri ta' siġġijiet għal boardroom tal-Kunsill:**

Ġew preżentati tlett kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill sabiex jinxtraw 12-il siġġu għal board room

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw is-siġġijiet mingħand Shopwell fejn il-prezz tagħhom kien ta €84 kull siġġu u ingħata skont sabiex il-prezz finali ikun ta €79 kull siġġu.

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Krea | €99.00(incl VAT) |
| 2. | Shopwell | €79.00(incl VAT) |
| 3. | Seguna Woodworks | Opt 1 €39.00(exc VAT) |
| | | Opt 2 €55.00(exc VAT) |

3.11 **Ġie approvat l-ammont li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala se jirċievi mill-Green Mt għas-sena 2012 liema ammont huwa ta' €6500. Bħas-sena l-oħra l-Kunsill se jirċievi dan l-ammont f'bankijiet ġodda li jiġu ekwivalenti għal 23 bank ġdid (35/1730/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi saret laqgħa mall-Green MT rigward l-ammont dovut mingħandhom għas-sena 2012 li jammonta għal €6500 u ntlaħaq ftehim sabiex dan l-ammont inkomplu nieħduhom fi 23 bank mingħand l-istess kuntrattur sabiex nassiguraw li jibqgħu l-istess tip ta' bankijiet .

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issuġerixxa illi ineħħu l-bankijiet li hemm fi Triq ix-Xatt sabiex npoġġu dawn il-ġodda minflokhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irid jara sew kemm hemm bankijiet fi Triq ix-Xatt x'jiġu mibdula. Huwa żied jgħid illi jekk nkomplu nbiddlu l-bankijiet fi Triq is-Salini għandna bżonn 17-il bank u b'hekk inkunu koprejna mic-Charian Residence sal-Fanal Restaurant.

Il-Kunsillier Lawrence Ciantar irrimarka kif fil-laqgħa mall-Green MT li saret fl-2012 konna lħaqna ftehim sabiex ituna ukoll 4 bins tal-gazetti sabiex jitpoġġew quddiem l-*istationeries*.

Is-Sindku qal illi f'din l-aħħar laqgħa reġgħa qajjem dan il-punt u sar qbil illi ser nieħdu dawn l-4 bins pero fil-korrispondenza li kien hemm mall-Green Mt jidher illi dawn il-bins ser jkunu mnaqqsin mill ammont ta' bankijiet illi għadna nieħdu għas-sena 2012.

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-segretarju eżekuttiv għandu jerġgħa jikkomunika mall-Green Mt sabiex jiċċara sew l-affarijiet.

3.12 **Skrivan ġdid għal 3 snin permezz ta' skema tal-ETC fejn il-Kunsill ma jħallasx għal dan is-servizz :**

Is-Sindku qal illi fuq deċiżjoni li kienet ittieħdet f'laqgħa preċedenti sabiex ningaġġaw persuna bi bżonnijiet speċjali, informa lill-Kunsilliera illi l-applikazzjonijiet mingħand l-individwi waslu fil-Kunsill u kien hemm 23 persuna interessata. Huwa żied jgħid jgħid illi l-proċess li jmiss huwa li nibgħatu għalihom sabiex nagħmlulhom intervista.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn l-intervisti filwaqt li s-Sindku kien se jieħu ħsieb li jagħmel dawn l-intervisti.

3.13 **Laqgħa mal-Perit William Lewis u l-proġett tal-Miżura 313:**

Is-Sindku beda billi qal illi saret laqgħa mall-Perit William Lewis fejn iddiskutejna il-proġett tal-GAL XLOKK 313, waqt din il-laqgħa kien ħareġ sugeriment illi minflok il–*gym equipment* u *skate board park* isir *mini golf course* dan minhabba il-fatt li jista jkun hemm diversi ilmenti mir-residenti tal-madwar u anke minħabba li diġa hemm *outdoor gym* fil-family park. Huwa zied jgħid illi wara laqgħa li saret mall-friends of Marsaskala dawn ma qablux illi isir dan il-*golf course* u anke l-*iskateboard park*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xorta trid tintefa DNO ġdida għaliex iż-żmien tad-DNO preċedenti skada.

Is-Sindku kompla jgħid illi peres illi din l-għaqda qed tilmenta ukoll li qed ikun hemm ħafna storbju sa tard fi Ġnien David Vella, s-Sindku kompla jgħid illi jekk japprovaw il-Kunsilliera f'din is-seduta huma issuġerew illi fis-sajf ikun hemm persuna volontarjament inkarigata sabiex tagħlaq dan il-bandli fil-11:30 ta' bil-lejl.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi tħoss illi għal-istaġun tas-sajf dan il-bandli ser jingħalaq kmieni.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi ser jiċċekja l-kondizzjonijiet li hemm fil-polza ta' assigurazzjoni biex jara eżatt fixħin irid jingħalaq dan il-bandli peress li qiegħed intiż għal tfal żgħar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jkun hemm persuna inkarigata illi tagħlaq dan il-bandli fil-11:30p.m, f'każ illi jkun hemm xi ħadd li ma jkunx irid joħroġ mill-bandli, hi awtorizzata mill-Kunsill illi ċ-ċempel lill-Pulizija. Għandhom isiru ukoll tabelli illi jindikaw illi dan il-bandli ser jingħalaq fil-11:30pm.
Il-Kunsill qabel unanimament illi sabiex ma jkunx hemm ilmenti mir-residenti tal-madwar il-*mini golf course* u l-*iskateboard park* ma jsirx u jsir l-*outdoor gym* hekk kif kien propost. Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk hu possibli l-apparat li qiegħed viċin it-triq jiġu mressaq lejn il-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti illi d-dawl li hemm fil-preżent huwa antik u jrid jinbidel flimkien mall-wiring, huwa s-suġerixxa illi noħorġu tender għad-dawl biss u napplikaw għal fondi mill-UIF.

3.14 **Korrispondenza mill-Għaqda Bajja San Tumas għal attivita` li se tittell fis-26 ta' Mejju 2013(35/1790/13/I):**

Is-Sindku qal illi fis-26 ta' Mejju wara l-quddies f'Dar Jacoba ser isir il-ftuħ uffiċjali tal-Batterija tar-Rihama u ħeġġeġ lill-Kunsillera sabiex jattendu.

3.15 **Ittra legali mill-Avukat tal-W.S.C rigward kawża ċeduta (35/1804/13/I):**

Is-Sindku qal illi rċevejna korrispondenza mingħand l-avukat tal-W.S.C fejn qed jgħid li għandna nagħtu l-ammont ta' €1242.07 minħabba l-kawża li nfetħet rigward Triq Sant' Anna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill għandu jieħu ammont mingħand W.S.C illi huwa aktar milli għandna dovut lilhom.

Il-Kunsill qabel illi l-avukat tal-Kunsill għandu jikkomunika mall-W.S.C dwar dan u irreferea għar-risposta tal-avukat li tindika li l-ammont dovut lill-W.S.C għandu jitnaqqas mil-ammont li l-WSC għandhom jagħtu lill-Kunsill fuq permessi.

3.16 **Laqgħa mal-Onor Joe Mizzi fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill:**

Is-Sindku spjega illi l-Onor Joe Mizi ġie ġewwa l-Kunsill fejn infurmajnih b'diversi ilmenti illi qed ikollna.

L-Onor Joe Mizzi issuġerixxa illi nibagħtu kollox b'e-mail. Dawn l-ilmenti ġew mibgħuta lis-Segretarja tiegħu. Dawn huma:

1)Tindif minn ħdejn il-pixxina sax-Xgħajra.
2) Papri mejta fil-magħluq peress li konna ilna ġimgħa nċemplu.
3)Tiswija tal-mollijiet speċjalment ta' ħdejn l-awwista.
4) Toroq li għadhom iridu jsiru speċjalment Triq San Franġisk.
5)Tneħħija tal-bendy buses ġol-qalba ta' Marsaskala.
6) Titkompla l-biċċa li fadal fi Triq il-Qaliet u parti minn Triq tal-Gardiel.
7) Hop on and hop off busses ġewwa Marsaskala.
8) Tlett garaxxijiet li qed jerqu fi Triq il-Vjola. Hemm bżonn li jsir culvert.
9) Isir central strip fi Triq il-Qaliet.
9) Tindif tal-Magħluq u l-ħarsien tiegħu.
10)Problema kbira fi Pjazza Dun Tarċis Aguis sa Pjazza Mifsud Bonniċi, minħabba l-fatt illi meta l-baħar jitla fit-triq din l-area tereq u toħloq inkonvenjent kbir għar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar għadda ilment illi l-ħitan mill-pixxina sa quddiem id-djar ta' ħdejn il-Bandli fi Triq iż-Żonqor fejn il-bricks qed jittiekel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għadda ilment sabiex isir culvert fi Triq Philippe de Vendome min naħa ta' Triq il-Qaliet minħabba li meta jinżel l-ilma qed jerqu l-garaxxijiet li hemm f'din it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issuġerixxa sabiex l-arriva tal-isptar tgħaddi min ħdejn Saint Luke's u mhux minn Santa Venera.

3.17 **Jogging track:**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi kienet saret laqgħa mal-ex Onor Clyde Puli fejn huwa kien issuġerixxa li ssir jogging rubberised track minn l-ex Jerma sa ħdejn il-knisja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri jitkellem mal-Onor Stefan Buontempo peress illi għandu din il-kariga f'idejh.

✦ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mill-Laqgħa fid-9:22p.m***

✦ ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mill-Laqgħa fid-9:22p.m***

3.18 ***Uniformijiet għall-ħaddiema għal-istaġun tas-Sajf:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif hemm bżonn li jinxtraw uniformijiet ġodda tas-sajf għall-ħaddiema klerikali.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn l-uniformijiet.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar pproponiet l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ssekonda.

Il-Kunsill approva unanimament.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 **Mozzjonijiet:**

7.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Charlot Mifsud (#005-2/05/13):**

"Jipproponi sabiex naraw fejn l-aħjar issir zebra crossing fi Triq La Sengle."

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu l-Perit jagħmel il-pjanti u napplikaw it-TM .

7.2

**Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sinjorina Desiree' Attard (#006-3/05/13):**

"Tipproponi li jitwaħħlu xi tip ta' bollards mall-bankina fuq in-naħa tal-family park, minħabba li xi karozzi qegħdin jitilgħu fuq il-bankina u jkunu ta' periklu għall-pedestrians."

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM

7.3

**Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur Charlot Cassar (#007-3/04/13):**

"Jipproponi li fi Triq Sant Antnin issir zebra cross minħabba l-periklu li qed jinħoloq meta n-nies li jipparkjaw il-karozza tagħhom fuq in-naħa tat-triq fid-direzzjoni Żabbar-Marsaskala, jiġu biex jaqsmu. Nipproponi wkoll li din iż-żebra cross issir viċin kemm jista' jkun l-ispazji għall-parkeġġ li hemm fuq din in-naħa tat-triq."

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera***

8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar spjegat l-attivitajiet li ser isiru bejn it-18 u l-20 ta' Mejju:

Is-Sibt 18 ta' Mejju

-Ftuħ tal-esebizzjoni taħt il-Knisja - 5.30pm - 8.30pm
-Wirja minn Fly Boards Malta (wara 6.00pm) fil-wesgħa tal-baħar ta' Triq is-Salini fejn hemm ir-ristoranti

Nefqa €70.00 tal-petrol

Il-Ħadd 19 ta' Mejju

-Ftuħ tal-esebizzjoni fis-sala ta' taħt il-Knisja -9.30am - 12.30pm
-5.30pm - 8.30pm

-Wirja mill-Jet Ski's u Cyber Boats -11.00a.m - 3.00pm
-Preżentazzjonijiet ta' Midalji u tazzi
-Bejjiegħa tal-ħut matul il-ġurnata

Nefqa €150.00- Tazzi, medalji

It-Tnejn 20 ta' Mejju

-Ftuħ tal-esebizzjoni taħt il-Knisja -5.30pm - 8.30pm
-Bejjiegħa tal-ħut matul il-ġurnata
-Għeluq

8.2 Is-Sindku qal illi l-attivita` *Get healthy road show* illi kellha issir fit-22 ta' Ġunju tħassret u l-attivita` tal- 5 ta' Mejju 2013 cioe l-quddiesa f'Dar Jacoba issa ser issir fis-26 ta' Mejju.

8.3 Is-Sindku qal illi saret attivita` tal-muturi kif ukoll tal-karozzi antiki saret ukoll promozzjoni tas-2nd division tal-football.

8.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi ser ikun hemm l-attivita` Jum Marittimu li ser issir fit-18,19 u 20 ta' Mejju.

8.5 Is-Sindku appella lill-Kunsilliera sabiex min jista jgħati daqqa t'id fl-attivita li ser issir fit- 13 ta' Ġunju ħarġa għal Għawdex ikun ferm apprezzat.

8.6 Is-Sindku issuġerixxa illi Jum Marsaskala għanda issir fuq jumejn cioe s-Sibt 31 t'Awwissu u l-Ħadd 1 ta' Settembru.

8.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi attenda l-attivita' energy efficiency u spjega kif il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ser jingħata premju li ser ikun trasmess min fuq Skype, kompla jgħid illi hu ser imur ġewwa Cipru sabiex jingħalaq dan il-proġett, spjega illi kienu sodisfatti ħafna bil-powerpoint presentation li tella waqt din l-attivita`.

✦ Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi ingħata post ġdid għall-girl guides fil-family park u b'hekk l-Għassa ta' Marsaskala issa se tkun biss taqa taħt il-Pulizija

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-10.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju 2013 fis-6.30pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku